# X'ĠARA MILL-EWROTARIFFA?

Matul is-sajf li għadda, il-Kummissjoni Ewropea uriet sniena ma' l-operaturi tat-telefonija ċellulari meta japplikaw rati ta' ħlas għoljin għal min iċempel minn xi Stat Membru ieħor. U kien hemm tnaqqis konsiderevoli hekk kif l-impatt beda jinħass madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Ir-raġuni għal dan, dejjem skond il-Kummissjoni, hi li qabel kien qiegħed ikun hemm rati esaġerati. L-isem li ngħata għal din it-tariffa il-ġdida, li ħolqot massimu ta' kemm tista' tkun għolja r-rata, kien Ewrotariffa.



F'Awissu li ġej, ir-rata għandha terġa' tonqos għal €0.46 għal kull minuta li tkun qed iċempel meta tkun imsiefer u €0.22 meta tkun qed tirċievi telefonata. F'Awissu ta' l-2009 din ir-rata trid terġa' tonqos iktar minn hekk. Tajjeb wieħed jinnota li l-operaturi m'humiex marbutin li jżommu mar-rata – jistgħu jikkompetu bi prezzijiet irħas, imma qatt iktar mill-Ewrotariffa, għal telefonati ċellulari minn Stat Membru ieħor.

Issa l-Kummissjoni qed taħseb biex sa l-aħħar ta' din is-sena tippubblika komunikazzjoni li tistudja l-ħidma tar-Regolament relevanti. Bħala parti mill-preparazzjoni għal dan, infetaħ perjodu ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Kien il-pubbliku l-mira tal-miżuri li ttieħdu – issa se jerġa' jkollu ċ-ċans jgħid jekk ħadmitx u jekk hemmx bżonn ta' iktar azzjoni.

Fost id-diversi mistoqsijiet li qed jitpoġġew hemm inklużi kwistjonijiet li forsi ftit jagħmlu sens għas-sitwazzjoni ġeografika tagħna – bħal per eżempju każijiet fejn wieħed ikun qiegħed iċempel viċin ta' fruntiera u mingħajr ma jkun jaf (jew forsi b'mod sfurzat) jaqbad ma' netwerk barrani. Hija realtà għal bosta Stati Membri oħra.

Mill-banda l-oħra, hemm sitwazzjonijiet oħra li żgur jistgħu jinteressaw lil xi partijiet lokalment. X'effett kellu r-regolament fuq operaturi żgħar u l-prezzijiet lokali? Kien hemm xi żidiet? Tissemma' wkoll il-kwistjoni ta' kif bdew jiġu mgħaduda l-kontijiet – bis-sekondi jew bil-minuta?

Ir-Regolament kien maħsub biex tittieħed azzjoni immedjata f'sitwazzjoni fejn is-suq kien qed jippreżenta l-problemi. U għalhekk kien immirat li ma jdumx iktar mit-30 ta' Ġunju 2010. Imma issa qed titpoġġa il-mistoqsija – għandu jdum iktar minn hekk? Punt ieħor li jitqajjem hu jekk ir-regolament huwiex bżonnjuż għal servizzi oħrajn ċellulari – bħall-SMS jew servizzi li jużaw data oħra. Hemm bżonn li jsir hekk fid-dawl tas-suq u l-prezzijiet kurrenti?

Kwistjonijiet bħal dawn huma fost madwar 39 mistoqsija li qed jitpoġġew. Min jixtieq jgħaddi l-kummenti tiegħu jista' jagħmel dan permezz ta' l-indirizz elettroniku: infso-roaming@ec.europa.eu. Id-dokument konsultattiv jinsab fuq is-sit elettroniku: http://ec.europa.eu/information_society/activities/roaming/docs/comments/public_consultation_may08.pdf. Il-kummenti jintlaqgħu sat-2 ta' Lulju 2008.



***Minn Julian Micallef***
*Forum Malta fl-Ewropa*

FORUM
MALTA FL-EWROPA

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: foruminfo@gov.mt*